**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM l-Erbgħa, 9 ta' Diċembru, 2015**

**Kawża Nru 33**

**Rik. Nru. 490/14JRM**

Doris **CATANIA** u żewġha Charles għal kull interess li jista' jkollu

vs

Evelyn **FARRUĠIA** u s-Soċjeta' Filarmonika *La Stella tal-Gudja A.D. 1919*

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-5 ta' Ġunju, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din l-Qorti (i) issib li imħarrka taħti lejhom b'imġiba abbużiva li biha qiegħda ċċaħħadhom mill-użu tal-legat ta' flus imħolli lill-attriċi fit-testment ta' Gabriel Farruġia tat-23 ta' Marzu, 2010; (ii) tillikwida d-danni kawżati lilhom mill-istess imħarrka, liema danni jikkonsistu fl-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) fuq is-somma ta' tletin elf euro (€ 30,000) imħolli lill-attriċi b'legat fl-imsemmi testment, u kif ukoll f'imgħaxijiet ulterjuri sad-data tal-ħlas effettiv tal-istess legat; (iii) tikkundanna lill-imħarrka tħallashom id-danni hekk likwidati; u (iv) tikkundanna lis-Soċjeta' Filarmonika mħarrka biex tħallas lill-attriċi l-legat lilha mħolli bl-imgħaxijiet legali jew mingħajrhom, skond

kif din il-Qorti tqis it-tieni u t-tielet talbiet ta' qabel, u dan flimkien u solidalment mal-imħarrka l-oħra Evelyn Farruġia, flimkien mal-imgħaxijiet sal-jum tal-ħlas effettiv u taħt il-provvedimenti kollha li l-Qorti jidhrilha xierqa u meħtieġa. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Ġunju, 2014, li bih ordnat li ssir in-notifika tal-atti lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mis-Soċjeta' Filarmonika mħarrka fl-14 ta' Lulju, 2014, li biha u għar-raġunijiet imsemmija, laqgħet b'mod preliminari billi eċċepiet l-intempestivita' tal-azzjoni attriċi ladarba għad hemm pendenti appell f'kawża mibdija mill-imħarrka Evelyn Farruġia kontra l-istess attriċi u s-Soċjeta' Filarmonika eċċipjenti. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li hija kienet u għadha disposta li tħares id-dispożizzjonijiet testamentarji tal-mejjet Gabriel Farruġia, hekk kif il-kwestjoni tas-siwi tat-testment tiegħu tkun determinata b'mod definittiv mill-Qrati u l-ħatra tagħha bħala werrieta tal-ġid tal-mejjet tkun stabilita. Laqgħet billi ċaħdet li hija għandha tħallas lill-atturi l-imgħaxijiet minnhom mitluba, ladarba ma kenitx is-Soċjeta' eċċipjenti li ħalqet il-kwestjoni, imma l-imħarrka l-oħra Evelyn Farruġia;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrka Evelyn Farruġia fid-19 ta' Awwissu, 2014, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li n-notifika lilha tal-atti tal-kawża saret ħażin għaliex saret f'indirizz fejn hi ma toqgħodx, iżda kienet qiegħda tilqa' xorta waħda n-notifika tal-atti bis-saħħa tal-istess Tweġiba; u talbet il-konnessjoni tal-kawżi. Fil-mertu, laqgħet billi ċaħdet li hija mxiet ħażin mal-attriċi, jew li għandha tagħmel tajjeb għal xi danni mġarrba mill-atturi, ladarba dak li għamlet kien biss b'ħarsien tal-jeddijiet tagħha u mhux b'pika mal-attriċi u mas-Soċjeta' Filarmonika mħarrka. Ċaħdet li l-atturi ġarrbu xi danni u għalhekk it-talbiet tagħhom ma jmisshomx jintlaqgħu;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Novembru, 2014[1], li bih ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni tal-ewwel waħda mill-eċċezzjonijiet preliminari taż-żewġ imħarrkin, dwar jekk il-Qorti jmisshiex tieqaf milli tisma' l-kawża sakemm jintemmu l-proċeduri ta' kawża oħra li tolqot il-mertu ta' din;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet;

---

[1] Paġ. 49 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Diċembru, 2014, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għal danni minħabba nuqqas ta' ħlas ta' legat. L-attriċi tħalliet legat ta' somma flus minn zijuha f'testment li huwa kien għamel u li fih ħalla bħala werrieta universali tiegħu lis-Soċjeta' Filarmonika mħarrka. L-imħarrka, li tiġi oħt it-testatur u zit l-attriċi, kienet fetħet kawża quddiem din il-Qorti biex tattakka t-testment ta' ħuha. Minħabba f'dik il-kawża, li issa qiegħda tistenna t-trattazzjoni quddiem il-Qorti tal-Appell wara li l-imħarrka appellat mis-sentenza ta' din il-Qorti li ċaħditilha t-talbiet tagħha, l-legat baqa' ma tħallasx lill-attriċi. L-atturi jridu li l-imħarrka titqies responsabbli lejhom għall-ħsara li ġarrbu minħabba d-dewmien fil-ħlas tal-legat, u li l-imħarrkin iħallsuhom l-istess legat flimkien mal-imgħaxijiet skond il-liġi;

Illi għal din l-azzjoni, kemm is-Soċjeta' Filarmonika mħarrka u kif ukoll l-imħarrka Evelyn Farruġia laqgħu b'eċċezzjoni preliminari, fost eċċezzjonijiet oħrajn. Filwaqt li s-Soċjeta' Filarmonika (minn issa 'l quddiem imsejħa "La Stella") eċċepiet l-intempestivita', l-imħarrka Farruġia eċċepiet il-konnessjoni ("*lis alibi pendens*") u għalhekk iż-żewġ imħarrkin qegħdin jgħidu li din il-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' din il-kawża sakemm tinqata' l-kawża mibdija mill-imħarrka;

Illi l-<u>fatti rilevanti</u> li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li wieħed Gabriel Farruġia, għażeb u pensjonant, għamel testment fit-23 ta' Marzu, 2010[2], fl-atti tan-Nutar Dottor Hugh Grima. Farruġia jiġi z-ziju tal-attriċi min-naħa ta' missierha u wkoll ħu l-imħarrka Evelyn Farruġia;

Illi fl-imsemmi testment, Farruġia ħalla b'werrieta universali u proprjetarja assoluta lil La Stella. Ħalla legat ta' somma flus lil neputi ieħor tiegħu Godwin Farruġia, iben ħuh ieħor, u legat remuneratorju ta' tletin elf euro (€ 30,000) favur l-attriċi "b'ringrazzjament ta' kemm iddur bih". Ħatar lill-

[2] Dok "A". f'paġġ. 4 – 6 tal-proċess

istess attriċi wkoll bħala eżekutriċi testamentarja. Lil oħtu l-imħarrka ma ħallielha l-ebda ġid;

Illi f'Lulju tal-2010, l-imħarrka fetħet kawża quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta)[3] biex tattakka t-testment ta' ħuha fuq il-bażi li dakinhar li għamel it-testment, it-testatur ma kienx f'qagħda li sata' jikteb (jiffirma) u biex b'hekk il-Qorti tħassar l-istess testment. B'sentenza mogħtija fid-29 ta' April, 2014[4], u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi kollha. L-imħarrka appellat mis-sentenza fid-19 ta' Mejju, 2014;

Illi l-atturi fetħu din il-kawża fil-5 ta' Ġunju, 2014. L-appell mis-sentenza mogħtija fil-kawża mibdija mill-imħarrka għad irid jibda jinstema';

Illi l-konsiderazzjonijiet legali marbuta mal-eċċezzjoni taħt eżami jirrigwardaw l-effett taż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari li, għal raġuni jew oħra, jistennew li din il-Qorti twaqqaf is-smigħ ta' din il-kawża (is-soprasessjoni) sakemm tinqata' l-kawża li għadha trid tinstema' mill-Qorti tal-Appell. Filwaqt li La Stella tirreferi għall-intempestivita' tal-azzjoni attriċi, l-imħarrka Farruġia tappella għall-konnessjoni tal-kawżi;

Illi hija ħaġa ċerta li l-eċċezzjoni preliminari tal-imħarrka Farruġia ma tistax titwettaq safejn dik l-eċċezzjoni tirreferi għall-kawża li kienet inbdiet minnha u li llum għelbet l-istadju tal-ewwel istanza. Kemm l-artikolu 792 tal-Kap 12 u kif ukoll l-artikolu 793 tal-istess Kodiċi jaħsbu għal sitwazzjoni fejn kawżi fuq l-istess oġġett jew kawżi marbutin ma' xulxin fuq l-istess suġġett jew fejn id-deċiżjoni tal-waħda tkun tista' tolqot id-deċiżjoni tal-oħra jinstemgħu flimkien, imma tabilfors meta ż-żewġ kawżi jew aktar ikunu għadhom fl-istess stadju jew istanza. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum, dan ma jistax isir għaliex il-kawża miftuħa mill-imħarrka diġa' waslet fit-tieni istanza u la tista' din il-kawża tintbagħat biex tinstema' flimkien ma' dik (bla ma b'hekk jintilef il-benefiċċju tal-eżami f'żewġ istanzi) u lanqas tista' din il-Qorti tordna li l-kawża l-oħra tinġab quddiemha biex tinstema' flimkien ma' din (ladarba l-kawża l-oħra tinsab diġa' quddiem qorti tat-tieni istanza);

Illi, għalhekk, il-Qorti sejra tqis iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari – jiġifieri kemm dik ta' La Stella dwar l-intempestivita' u kif ukoll dik tal-imħarrka tal-konnessjoni tal-kawżi – bħala eċċezzjoni li titlob lil din il-Qorti li tissporasjedi;

[3] Rik. Nru. 763/10JZM
[4] Dok "B", f'paġġ. 8 sa 23 tal-proċess

Illi fit-trattazzjoni tal-eċċezzjoni, l-għaref difensur tal-atturi argumenta li sakemm testment ma jitwaqqax, ikun jiswa ladarba t-testatur ikun miet u l-wirt tiegħu nfetaħ. Ikompli jżid li s-siwi tat-testment taz-ziju patern tal-attriċi kien konfermat minn din il-Qorti (diversament presjeduta) bis-sentenza finali li tat. Il-fatt li minn dik is-sentenza tressaq appell mill-imħarrka Evelyn Farruġia ma jneħħix is-siwi tat-testment u li l-azzjoni tal-lum tista' tixxiebah ma' eżekuzzjoni provviżorja ta' sentenza, li skond il-liġi tagħna tista' dejjem tintalab minkejja li minnha jkun sar appell[5]. Filwaqt li l-Qorti tapprezza l-argumenti mressqa mill-avukat tal-atturi, ma tistax taqbel mal-kwestjoni tal-eżekuzzjoni provviżorja: dan jingħad għaliex is-sentenza (illum appellata) mkien ma tgħid li s-sentenza kienet eżegwibbli provviżorjament u billi lanqas intwera li l-atturi b'xi mod talbu lil dik il-Qorti (jew lill-Qorti tal-Appell li bħalissa quddiemha tinsab il-kawża) biex jagħtu eżegwibilita' provviżorja għal dik is-sentenza. Minbarra dan, l-appell imressaq mis-sentenza jirrigwarda sewwasew is-siwi tat-testment u l-istess attriċi hija parti f'dawk il-proċeduri bħala mħarrka appellata;

Illi huwa aċċettat li s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smigh fl-istess waqt ta' żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa[6], trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir[7]. Kemm hu hekk, ingħad saħansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali[8], li l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, mhijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala *lis alibi pendens*[9] u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;

Illi huwa minħabba f'hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bħala provvediment ordinatorju mħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik[10]. Provvediment bħal dan huwa meqjus bħala wieħed interlokutorju[11] u, għalhekk, ma jorbotx lill-Qorti li tkun tatu jekk tqum il-

---

[5] Art. 266 tal-Kap 12
[6] Art. 195(1) tal-Kap 12
[7] App. Ċiv.: **28.10.1935** fil-kawza fl-ismijiet ***Mifsud noe vs Abela et.*** (Kollez. Vol:**XXIX.i.1295**);
[8] P.A. Kost.: **12.8.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Cuschieri vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.211**)
[9] Kost. **20.7.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Onor. Prim'Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.171**) u P.A. Kost LSO **21.7.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Partit Nazzjonalista et vs Kummissjoni Elettorali et*** (*in parte*)
[10] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **23.6.1869** fil-kawża fl-ismijiet ***German et vs Scicluna et*** (Kollez. Vol: **V.157**); P.A. **23.1.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja vs Żammit*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.197**) u App. Kumm.: **26.3.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Leslie Grech noe vs Dr. Emanuel Buttiġieġ et noe*** (mhix pubblikata)
[11] App. Ċiv. **22.5.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia et vs Beżżina et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.ii.338**)

ħtieġa li tibdel il-fehma tagħha aktar ’il quddiem, jekk tintwera raġuni tajba biex tagħmel dan;

Illi għalhekk ukoll, il-provvediment tas-soprasessjoni jitqies bħala pass mhux ordinarju li jissospendi s-smigħ ta’ kawża, meta n-norma hija, kif ingħad, li kawża li tinbeda għandha tinstama’ sa ma tinqata’[12]. Kemm hu hekk, il-provvediment tas-soprasessjoni tqies bħala wieħed “alejatorju”[13] li, minħabba t-termini ebsin tal-Kodiċi Proċedurali dwar is-smigħ tagħhom, jista’ jwassal għad-deżerzjoni tal-proċeduri mwaqqfa. Għal bosta snin, il-Qrati tagħna sabu li t-twaqqif ta’ smigħ ta’ kawża biex tistenna l-eżitu ta’ kawża oħra li diġa’ tressqet jew sakemm titressaq waħda fuq punt eċċezzjonali huwa rakkomandat biss fil-każ meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta’ xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawża li sejra titwaqqaf[14];

Illi fuq kollox, il-Qorti ma għandhiex tordna s-soprasessjoni jekk kemm-il darba jintwera li l-parti l-oħra tkun sejra ġġarrab preġudizzju minħabba d-dewmien[15];

Illi meta tqis dawn il-konsiderazzjonijiet kollha fid-dawl taċ-ċirkostanzi fattwali li ssemmew aktar qabel, il-Qorti tasal għall-fehma li l-eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrkin huma tajbin u jmisshom jintlaqgħu. Il-konsiderazzjoni ewlenija li twassal lill-Qorti għal din il-fehma hija t-testment ta’ Gabriel Farruġia u s-siwi tiegħu. Biex l-atturi jistgħu jippretendu l-ħlas tal-legat imħolli lill-attriċi u l-likwidazzjoni ta’ xi danni li ġarbu minħabba n-nuqqas ta’ ħlas tal-imsemmi legat, jeħtieġ li jkun aċċertat ġudizzjarjament u b’mod definittiv li l-istess testment jgħodd. Il-kawża li fetħet l-imħarrka Evelyn Farruġia kienet titlob it-tħassir tal-imsemmi testment. Huwa minnu li din il-Qorti (diversament presjeduta) tat is-sentenza tagħha biex tiċħad it-talbiet tal-imħarrka u b’hekk iddikjarat li dak it-testment jiswa u jorbot. Imma minn dik is-sentenza ddaħħal appell u għalhekk sallum ma jistax jingħad li jeżisti ġudikat dwar il-kwestjoni tal-validita’ tat-testment li minnu l-attriċi f’din il-kawża tippretendi l-ħlas tal-legat u d-danni marbuta man-nuqqas f’waqtu ta’ dak il-ħlas. Fit-tieni lok, biex din il-Qorti tasal biex tqis l-ewwel żewġ talbiet attriċi f’din il-kawża, tkun trid tabilfors tidħol biex tikkonsidra s-siwi tat-testment, kif joħroġ ċar mill-ewwel tliet premessi tar-Rikors Maħluf promotur. Biex tagħmel dan, din il-Qorti tkun trid hija wkoll tara jekk is-

---

[12] App. Ċiv. **4.11.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Cardona vs Pisani*** (Kollez. Vol: **XLI.i.547**)
[13] P.A. **23.5.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri noe vs Vassallo Gatt pro et noe*** (Kollez. Vol: **LXXXI.iii.83**)
[14] P.A. **12.4.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi et vs Critien pro et*** (Kollez. Vol: **XLVI.ii.591**) u App. Ċiv. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima et vs Frendo et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.ii.393**)
[15] P.A.. JZM **25.3.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Amber Properties Ltd vs Central Holidays (Travel Agents & Organisers) Ltd et*** (*in parte*) u P.A. LM **17.2.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Azzopardi et vs Philip Grima et*** (*in parte*)

sentenza diġa' mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta hix sejra tkun konfermata jew maqluba mill-Qorti tal-Appell;

Illi bilkemm għandu għalfejn jingħad li jekk kemm-il darba l-Qorti tal-Appell tasal biex tilqa' l-appell tal-attriċi f'dik il-kawża (l-imħarrka Evelyn Farruġia f'din il-kawża), l-azzjoni li tinsab quddiem din il-Qorti llum ma jkun għad fadlilha ftit li xejn skop. Jekk it-testment jitħassar, tgħib miegħu kull dispożizzjoni testmentarja – partikolari jew universali – li t-testatur ikun għamel fih;

Illi għalhekk il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' La Stella u t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imħarrka Farruġia u ssib li hemm raġunijiet tajba biżżejjed biex twaqqaf u żżomm is-smigħ ta' din il-kawża sakemm ikunu għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell l-atti tal-kawża mibdija mill-imħarrka kontra l-istess attriċi tallum u La Stella;

Għal dawn ir-raġunjiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tas-Soċjeta' Filarmonika mħarrka u t-**tieni eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrka Evelyn Farruġia u tordna li s-smigħ ta' din il-kawża jitwaqqaf sakemm ikunu għadhom pendenti l-atti tal-kawża fl-ismijiet "*Evelyn Farruġia vs Doris Catania et*" (Rik. Nru. 763/10JZM) quddiem il-Qorti tal-Appell; u

**Tordna** li l-ispejjeż marbut ma' din is-sentenza jkunu determinati mas-sentenza aħħarija.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**9 ta' Diċembru, 2015**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**9 ta' Diċembru, 2015**